**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' il-5 ta' Dicembru 2022**

**Rikors Numru : 377/2022 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**SB**
**Vs**
**AA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SB datat 8 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni tnejn tmienja zero wiehed zbarra elfejn u tnax (2801/2012) liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat Dok AF 1;*

2. *Illi l-partijiet ipprocedew ghas-separazzjoni personali wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti Civil Sezzjoni tal-Familja billi resqu ghall-kuntratt ta' separazzjoni nhar id-dsatax (19 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmitax (2018), ippubblikat min-Nutar Dr Malcolm Camilleri liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat Dok AF 2;*

3. *Illi l-partijiet qed jonoraw il-pattijiet u obbligazzjonijiet hemmhekk imsemmija u ma hemm l-ebda diffikulta in kwantu access u manteniment tal-minuri JB*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-partijiet ma ghandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin jew tal-minuri JB;*

6. *Illi dawn il-fatti jista' jikkonfermhom bil-gurament.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012)*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez u bl-inguzjoni tal-intimata in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 24 ta' Awwissu 2022, a fol 22, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu.*

*Illi l-esponenti tirrileva wkoll li m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-*

*partijiet.*

*Illi prezentament m'hemm l-ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment.*

*Illi madanakollu l-esponenti tirrileva li m'huwiex korrett r-rikorrent meta jikkontendi illi "l-partijiet m'ghandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin jew tal-minuri JB" u dana propju ghaliex r-rikorrent huwa obbligat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni (li diga gie anness u mmarkat bhala Dok AF2), senjatament klawzoli 7a u 7b, sabiex ihallas manteniment a favur tat-tifel minuri JB, liema obbligu ghadu u jibqa in vigore sakemm it-tifel jaghlaq tmintax (18)-il sena jekk jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew sal-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk jibqa' jistudja fuq bazi full-time.*

*Illi salv ghal dak premess, l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jigi pronunzjat id-divorzju bejnha u bejn r-rikorrent.*

*Illi minkejja dan l-esponenti tirrileva li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrent.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 29) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-13 t'Ottubru 2012 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 19 t'Ottubru 2019 fl-atti tan- Nutar Dr Malcolm Camilleri. Xehed illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment, filwaqt li l-manteniment ghall-ibnu dejjem thallas. Kompla jixhed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 27) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 t'Ottubru 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 2801/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg kellhom tifel;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Camilleri nhar id-19 t'Ottubru 2018 (vide Dok AF2 fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2801/2012 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**